MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 577/2013

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**
**vs**
**M.A.P.C. Malta Audiovisual Production Centre Ltd (C42407)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Daphne Sims Dodebier, detentrici tal-karta tal-identita' numru 402779(M), tat-13 ta' Gunju 2013 li jaqra hekk:

*1. "Illi l-Bank attur huwa kreditur tas-socjeta konvenuta fis-somma komplessiva* ***ta' mija u erbgha u erbghin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Euro u disgha u tmenin centezmu (€ 144,383.89),*** *liema ammont jirrapresenta kwantu ghal mija u tmienja u ghoxrin elf tlett mija u dsatax il-Euro u seba' centezmi (€ 128,319.07) bhala somma kapitali u hdax-il elf sitt mija u disgha Euro u tlieta u disghin centezmu (€ 11,609.93) imghaxijiet kalkolati bir-rata ta' 8% sat-8 ta' Mejju 2013 dovuta fuq il-kont bin-*

*numru 026-134544-200, gia bin-numru 026-134544-401, liema somma giet debitament moghtija lis-socjeta konvenuta fuq facilita ta' Overdraft Account, mill-Bank attur u accettat mill-istess socjeta konvenuta, kwantu ghal erbat elef mija sbatax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€ 4,117.61) somma kapitali u tlett mija u sebgha u tletin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€337.28) imghaxijiet kalkolati bir-rata ta' 8% sat-8 ta' Mejju 2013 dovuta fuq il-kont bin-numru 026-134544-201 gia facilita ghall-uzu ta' Visa Card bin-numru 4568 8200 0623 0244.*

*2. Illi l-Overdraft Account origina in segwitu ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Rosalyn Aquilina tal-10 ta' Settembru 2008 li in forza tieghu s-socjeta konvenuta nghatat facilita ta' Overdraft sa' massimu ta' mitejn u hamsin elf Euro (€ 250,000.00) filwaqt li l-facilita l-ohra ta' VISA Card nghatat in segwitu ta' applikazzjoni maghmula till-Bank attur datata 30 ta' Mejju 2008.*

*3. Illi debitament interpellata sabiex thallas 1-ammont dovut minnha, inkluz permezz ta' ittra ufficcjali tas-7 ta' Settembru 2012, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk qed issir dina l-kawza.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex ma ghandhiex dina 1-Onorabbli Qorti:-*

*1. Tikkundannaha thallas lill-Bank attur is-somma komplessiva ta'* ***mija u erbgha u erbghin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Euro u disgha u tmenin centezmu (€ 144,383.89),*** *liema ammont jirrapresenta kwantu ghal mija u tmienja u ghoxrin elf tlett mija u dsatax il-Euro u seba' centezmi (€128,319.07) bhala somma kapitali u hdax-il elf sitt mija u disgha Euro u tlieta u disghin centezmu (€ 11,609.93) imghaxijiet kalkolati bir-rata ta' 8% sat-8 ta' Mejju 2013 dovuta fuq il-kont bin-numru 026-134544-200, gia bin-numru 026-134544-401, liema somma giet debitament moghtija lis-socjeta konvenuta fuq facilita ta' Overdraft Account, mill-Bank attur u accettat mill-istess socjeta konvenuta, kwantu ghal erbat elef mija sbatax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€4,117.61) somma kapitali u tlett mija u sebgha u tletin Euro u tmienja u*

*ghoxrin centezmu (€337.28) imghaxijiet kalkolati bir-rata ta’ 8% sat-8 ta’ Mejju 2013 dovuta fuq il-kont bin-numru 026-134544-201 gia facilita ghall-uzu ta’ Visa Card bin-numru 4568 8200 0623 0244.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa sabiex tidher in subizzjoni.”*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta’ dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta’ intimata;

Rat illi s-socjeta’ intimata ma ntavolat ebda risposta guramentata u ghaldaqstant baqghet kontumaci;

Rat il-verbal tas-16 t’Ottubru 2013 fejn din il-Qorti akkordat il-fakolta’ illi l-intimata tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat li s-socjeta’ intimata baqghet inadempjenti u ma ressqet ebda sottomissjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mir-rikors guramentat tal-bank rikorrenti u mix-xhieda ta’ Dr Louis Cassar Pullicino vide fol 19 tal-process jirrizulta li s-socjeta’ intimata ma ghamlet ebda hlas jew pagament akkont tal-ammont mitlub fir-rikors guramentat u ghaldaqstant ghadha dovuta fl-interita’ taghha s-somma komplessiva ta’ **mija u erbgha u erbghin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Euro u disgha u tmenin centezmu (€ 144,383.89),** liema ammont jirrapresenta kwantu ghal mija u tmienja u ghoxrin elf tlett mija u dsatax il-Euro u seba’

centezmi (€128,319.07) bhala somma kapitali u hdax-il elf sitt mija u disgha Euro u tlieta u disghin centezmu (€ 11,609.93) imghaxijiet kalkolati bir-rata ta' 8% sat-8 ta' Mejju 2013 dovuta fuq il-kont bin-numru 026-134544-200, gia bin-numru 026-134544-401, liema somma giet debitament moghtija lis-socjeta konvenuta fuq facilita ta' Overdraft Account, mill-Bank attur u accettat mill-istess socjeta konvenuta, kwantu ghal erbat elef mija sbatax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€4,117.61) somma kapitali u tlett mija u sebgha u tletin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€337.28) imghaxijiet kalkolati bir-rata ta' 8% sat-8 ta' Mejju 2013 dovuta fuq il-kont bin-numru 026-134544-201 gia facilita ghall-uzu ta' Visa Card bin-numru 4568 8200 0623 0244.

Illi di piu, fil-kontumacja tas-socjeta' intimata, u fid-dawl tal-inadempjenza taghha ghal-fakolta moghtija minn din il-Qorti li tipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti bl-ispejjez kif mitluba mill-istess bank rikorrenti kontra socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------